MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta ta' l-20 ta' Jannar, 2004

Numru 163/1997

IL-PULIZIJA
(Spettur Silvio Valletta)

VS

JOSEPH ZAHRA

**IL-QORTI**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-pulizija kontra l-imputat u dan talli nhar il-23 ta' Marzu 1997 fi Triq Dicembru 13, il-Marsa ghall-habta tal-11.30 a.m.

a) Ingurja jew hedded persuna ta' wiehed inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt li jkun jaghmel dan is-servizz jew minhabba li jkun ghamel dan is-servizz jew

bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-ezekuzzjoni ta' dak is-servizz.
b) Ikkommetta serq ta' arlogg ghad-dannu ta' Ahmed Bounouder.
c) Ikkomemetta serq ta' 'tag' bin-numru 452 ghad-dannu ta' Awtorita ta' Trasport Pubbliku.
d) Hebb kontra Ahmed Bounouder sabiex jingurjah jew idejjqu jew jaghmillu hsara.
e) Hedded bi kliem lil Ahmed Bounouder.
f) Qal kliem oxxen li jikkonsissti f'dagha.
g) Ikkaguna hsara ta' anqas minn LM10 (ghaxar liri maltin).
h) Kiser il-paci pubblika b'ghajjat u glied.

Rat l-akkuzi l-ohra talli nhar il-24 ta' Marzu 1997 gewwa l-ghassa tal-Hamrun ghall-habta tas-1.00 pm:
i) Attakka u ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra l-persuna ta' PS 1283 Carmelo Costa u b'hekk ikkaguna ferita ta' natura hafifa skond kif iccertifika Dr Vella Baldacchino MD, liema ufficjal hu inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku fil waqt li kien jagixxi ghal esekuzzjoni tal-ligi.
j) Hedded lil PS 1283 Carmelo Costa bi kliem.
k) Sar ricediv b'diversi sentenzi li saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta u mill-Qorti tal-Appell.

Rat it-talba tal-prosekuzzjoni biex f'kaz ta' htija barra li tinghata il-piena stabbilita mill-Ligi tiskwalifika lill-imsemmi Joseph Zahra mill-licenzja tas-sewqan.

Rat in-nota tal-Avukat Generali li biha ta l-kunsens tieghu sabiex dan il-kaz jigi ttrattat bi procedura sommarja (fol 6 tal-atti).

Rat li skond kif jidher mill-ezami tal-imputat (fol 27 ibid) li l-istess imputat iddikjara li ma ghandux oggezzjoni ghal din il-procedura.

Semghet ix-xhieda u rat id-dokumenti prodotti mill-prosekuzzjoni.

Semghet lill-akkuzat minn jeddu.

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkunsidrat

Illi hawnhekk issir referenza ghal dak verbalizzat millI-istess Ufficjal Prosekutur a fol 59 tal-atti. Di fatti jirrizulta li l-istess Prosekuzzjoni rrinunzjat ghall-akkuza bl-ittra “a” in vista tal-fatt lil-‘parti lesa’ Ahmed Bounouder ma hux persuna inkarigata minn servizz pubbliku. Fill-fatt, kif jidher a fol 33 tal-atti, l-istess parti lesa kien xehed li “.. .. ic-cheque (tal-paga) tohroguli l-‘PublicTransport Association’ u mhux l-Awtorita tat-Trasport Pubbliku”.

Ikkunsidrat

Illi l-parti lesa xehed (fol 33 et seq ibid) in konnessjoni mal-akkuzi numru b) sa h) u spjega li fit-23 ta’ Marzu 1997 hu kien tela fuq ix-xarabank numru Y 0532 u dan in konnessjoni max-xoghol tieghu bhala spettur impjegat mal-imsemmija Assocjazzjoni. Hawnhekk ix-xufier tal-istess xarabank, ossija l-akkuzat odjern, kien oggezzjona li x-xhud jaqdi dmiru peress li skond l-akkuzat, hu kien is-sid tal-istess xarabank. Meta, pero, kien qal lill-akkuzat li xorta wahda kien ser jaghmel l-verifiki relattivi, l-akkuzat “qam minn wara l-isteering u beda jaghtini .. .. b’idejh”, oltre li “ghajjarni” u beda “joffendili l-familja”, kif ukoll heddu anke “bil-familja tieghi”. Waqt dan l-incident, ix-xhud kompla jispjega li kien tilef l-arlogg tieghu, mixtri bil-prezz ta’ LM4 kif ukoll it-‘tag’ tal-istess assocjazzjoni. Fil-fatt in rigward l-arlogg, hu specifika li dan kien waqa mal-art waqt li l-akkuzat kien qed jaghtih b’idjeh u waqt li kien hemm passiggier li kien qed izomm lill-istess akkuzat, u ma sabux aktar, kif gara ukoll in rigward l-istess ‘tag’.

Ikkunsidrat

Illi in konnessjoni mal-akkuzi rimanenti bl-ittri i) sa k) gie prodott mill-Prosekuzzjoni PS 1283 Carmelo Costa (fol 43 u 48 et seq ibid). Dan spjega li fl-24 ta’ Marzu 1997 ghall-

habta tal-11.15 am l-imsemmi Ahmed Bounouder kien mar fl-ghassa tal-pulizija tal-Hamrun sabiex jaghmel ir-rapport dwar l-incident hawn fuq imsemmi li kien gara jumejn qabel. Ghall-habta ta' nofsinhar l-akkuzat kien gie fl-istess ghassa, akkumpanjat minn martu. Ghalhekk ix-xhud qal lill-akkuzat li "kien ser jinzamm taht arrest" u minhabba hekk "l-akkuzat ecita ruhu". Difatti dan beda "jghajjar b'mod oxxen lis-superjuri tax-xhud li kienu presenti u l-istess akkuzat tpogga f'cella bil-kwiet kollu minghajr l-ebda incident ...." Wara li ghadda xi ftit ta' hin l-akkuzat beda jghajjat li xtaq ikellem lil martu li pero, sadanittant kienet telqet 'l hemm. Meta gie informat b'dan l-akkuzat beda "jidghi u jinsolenta". Minhabba hekk u peress li kien hemm fl-ghassa nies pajzana li setghu jisimghu dak li kien qed jghid l-akkuzat, ix-xhud ra li kien opportun li jdahhlu f'cella ohra. Waqt li kien, fil-fatt, qed jittiehed minn cella ghall-ohra, l-akkuzat, oltre li hedded lix-xhud ("insibek") gibed lix-xhud gewwa din ic-cella, "intefa wiccu 'l fuq, fuq is-sodda, u kif kont qed nipprova ninqala minn mieghu l-akkuzat gidimni f'subghajja" Bhala rejazzjoni ghal dan, ix-xhud "dahhaltlu subghajja f'ghajnejh". Dwar dak li rrizulta mill-agir tal-akkuzat kif hawn fuq deskritt, l-istess xhud esebixxa c-certifikat mediku in fotokopja li jinsab a fol 52 tal-atti u li minnu jirrizutla li minhabba l-gidma msemmija, ix-xhud kellu jissottometti ruhu ghal "immunization ... .. kontra 'hepatitis' B". In oltre, in rigward l-istess ferita kagunata bl-istess gidma, xehed it-tabib <u>Dennis</u> <u>Vella Baldacchino</u> permezz ta' "affidavid" li jinsab a fol 63 tal-atti. L-istess ferita '<u>fuq is-sebgha l-kbir tan-naha tal-lemin</u>' tnaddfet u giet deskitta bhala wahda <u>hafifa</u> (ara wkoll id-dokument a fol 64 tal-atti kif ukoll, ghal kull bon fini, l-affidavid addizzjonali tal-istess tabib anness a fol 68 ibid).

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi da parti tieghu l-akkuzat xehed (kif rizultanti minn fol 74 u 83 et seq ibid) u ssottometta lill-Qorti verzjoni differenti minn dik li xehedu x-xhieda hawn fuq imsemmija. Di fatti hu qal li Ahmed Bounouder kien tela fuq ix-xarabank tieghu u kien beda jivverifika l-biljetti tal-passiggieri. Dan kien sab li kien hemm numru imprecizat ta' passiggieri li

kellhom biljetti "mhux tal-karozza tieghu" liema passiggieri pero, 'kienu nizlin'. Skond l-akkuzat kien l-istess Ahmed Bounouder li hawnhekk beda jaghti fuq l-'isteering wheel' u ghalhekk hu ma kompliex isuq u beda jkellem lill-istess parti lesa.

Wara aktarx jumejn, il-pulizija kien baghtu ghalih sabiex imur l-ghassa tal-Hamrun u hemmhekk l-ufficjal prosekutur stess kien qal lill-pulizija fl-istess ghassa, sabiex jarrestawh. Hawnhekk l-akkuzat biddel dak li kien ghadu kemm intqal minnu fix-xhieda tieghu u specifika li kien is-surgent Costa li kien ordna l-arrest tieghu. Bhala konsegwenza hu kien tpogga f'cella. Filghaxija l-istess surgent tal-pulizija kien xtralu hobza. Pero, dejjem l-istess surgent, kien "habta u sabta tani daqqa ta' ponn fuq snieni u qalghali, fil-fatt, snieni kif qed nuri issa stess lill-istess Qorti". Fil-ghaxija ghall-habta tad-9.00pm l-ispettur kien gablu tabib u meta l-istess spettur kien staqsih ghaliex kien gidem lill-imsemmi surgent. "jiena ghidtlu ghax tani daqqa ta' ponn u dahhal subghajh go halqi". L-istess akkuzat kompla jixhed billi allega "Fic-cella dahlu xi hmistax il-pulizija ghalija". In oltre "l-ispettur irrifjuta li jaghtini c-certifikat (mediku) li nzamm mill-istess spettur". In rigward ir-raguni tal-arrest tieghu, kien l-ispettur Silvio Valletta li informah l x'kienet din u dan ghall-habta tad-9.00 pm waqt li kien gie arrestat fil-11.30 am. Fl-ahhar nett hu nnega li kien sawwat lil PS 1283 Carmelo Costa.

<u>Ikkunsidrat</u>
Illi kif jidher mill-istess akkuzi, dawn jirreferu ghal zewg incidenti konnessi bejnithom u li graw f'dati u f'positjiet differenti.

<u>Ikkunsidrat</u>
Illi in rigward l-ewwel incident li sehh fuq ix-xarabank tal-akkuzat, u li fih kien involut l-istess akkuzat u Ahmed Bounouder kienu ingiebu, fil-konfront tal-istess akkuzat tmien akkuzi u in rigward dawn ghandu jinghad li:
1. Kif diga premess il-prosekuzzjoni kienet irrinunzjat ghall-akkuza bl-ittra (a) ghar-raguni diga specifikata.
2. In rigward l-akkuzi bl-ittri (b) u (c) l-istess parti lesa xehed li hu tilef, waqt l-incident in ezami, kemm l-arlogg

kemm id-‘tag’ imsemmija fl-akkuzi. Da parti tieghu l-akkuzat bl-ebda mod ma ammetta li kien ha, bl-iskop ta’ serq, dawn l-oggetti. Ghalhekk il-Qorti ma setghetx tikkonkludi li l-akkuzat seraq dawn l-oggetti li ma nstabux fil-pussess tieghu minhabba li l-provi relattivi huma manifestament insufficjenti ghal dan il-ghan. Ghalhekk l-akkuzat ma jistax jinstab hati ta’ dawn iz-zewg akkuzi.

3. In rigward l-akkuzi bl-ittra (d) (e) (f) u (h) giet meqjusa x-xhieda moghtija mill-partijiet involuti kif ukoll l-atteggjament u l-imgieba tal-istess partijiet. In rigward dan, il-Qorti hi perswaza li Ahmed Bounouder xehed il-verita u hi konvinta li dak li xehed l-istess parti lesa jirrispekkja dak li verament gara f’dan l-incident. Ghalhekk l-akkuzat ghandu jinstab hati ta’ dawn l-akkuzi.

4. Dwar l-akkuza bl-ittra (g) kif jidher mill-artikolu 325 it-tieni proviso, procedimenti jistghu jittiehdu biss bil-kwerela tal-parti offiza. Pero kif jidher mill-premess, dan ir-reat sar flimkien ma’ reati ohrajn li jmissu l-ordni pubbliku u b’hekk f’dan il-kaz ma hemmx mehtieg din il-kwerela (ara l-artikolu 373 tal-Kodici Kriminali). In oltre jidher li din il-hsara volontarja saret waqt l-incident in ezami. Ta’ minn jinnota li in rigward hsara volontarja, hemm rikjest li jigi pruvat oltre l-‘actus reus’, l-intenzjoni generika u mhux specifika. Konsegwentement l-akkuzat ghandu jinstab hati wkoll ta’ din l-akkuza.

<u>Ikkunsidrat</u>
Illi in rigward it-tieni incident li sehh fl-ghassa tal-pulizija msemmija, il-Qorti tinsab konfrontata b’dak li xehed PS 1283 Carmelo Costa, abbinat mal-evidenza medika kif hawn fuq esposti u b’dak li qal l-istess akkuzat u allega fil-konfront tal-istess surgent.

<u>Ikkunsidrat</u>
Illi in rigward dan gew kunsiderati s-segwenti:

i) Dwar l-allegazzjoni li l-akkuzat inghata daqqa ta’ ponn mill-imsemmi surgent u bhala konsegwenza kien tilef xi snin, l-akkuzat gab din l-allegazzjoni quddiem il-Qorti, a konjizzjoni taghha, ghall-ewwel darba meta xehed ‘viva voce’ quddiemha, ossija madwar erba’ snin wara l-presentata tieghu. Ghalhekk ma kienx probabbli ghaliha sabiex taghmel l-accertamenti hi stess permezz ta’

nomina ta’ espert mediku ghal dan l-iskop. Minhabba din il-mankanza da parti tal-akkuzat stess, din il-Qorti bl-ebda mod ma setghet taccerta ruhha dwar il-veracita o meno tal-istess allegazzjoni u ghalhekk dak li gie sottomess mill-akkuzat fuq dan il-punt ghandu jigi skartat.

ii) Mill-evidenza medika kif hawn fuq esposta jidher li l-istess surgent kellu ferita hafifa fuq subghajh il-kbir tal-lemin, liema ferita tidher, fil-fehema tal-Qorti, li hi kompatibbli ma’ gidma u mhux daqqa ta’ ponn kif allega l-akkuzat. Dan il-fatt jidher bl-aktar mod car minn dak imnizzel fid-dokument a fol 64 tal-istess atti. Ghalhekk anke fuq din il-bazi, dak li allega l-akkuzat ma hux bazat fuq il-provi medici prodotti.

iii) Anke in rigward dan l-incident giet kunsiderata l-<u>imgieba</u> tal-partijiet involuti waqt dawn il-proceduri u wara li qieset din kif ukoll dak li diga gie premess, jidher evidenti li l-fatti avveraw ruhhom skond kif xehed PS 1283 Carmelo Costa.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi l-akkuzat semma wkoll li meta gie arrestat, ma kienx gie mgharraf bir-raguni tal-arrest tieghu (ara l-artikolu 352 tal-Kodici Kriminali). Dwar dan il-punt l-istess akkuzat kien xehed u qal li l-ordni tal-arrest tieghu inghatat mill-ufficjal prosekutur. In rigward ir-raguni ghal dan, din fil-fatt kienet inghatat lill-akkuzat fl-istess gurnata tal-arrest tieghu izda aktarx tard fil-ghaxija (ara fol 73 ibid).

iv) Mill-premess jidher li l-Qorti, ghar-ragunijiet premessi,ð ma tantx rat li dak kollu li allega l-akkuzat seta kien b’xi mod affidabbli u kredibbli. Pero b’referenza ghal dak li xehed l-istess surgent a fol 46 ibid, meta qal “... ..jien dahhaltlu subghajja f’ghajnejh”, il-Qorti ma tarax li dan jista jigi accettat minnha. Fortunatament pero, dan ma gabx xi konsegwenza f’ghajnejn l-akkuzat, liema akkuzat ghandu jigi ritenut responsabbli ghall-incident in ezami minhabba l-imgieba tieghu.

Illi ghalhekk in rigward l-akkuzi (i) u (j) l-akkuzat ghandu jinstab hati ta’ dawn l-akkuzi.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi ma ingiebet l-ebda prova skond il-ligi dwar u in konnessjoni mal-akkuza (k).

Ghal dawn il-motivi l-Qorti filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-akkuza (a), oltre lil ssib lill-akkuzat mhux hati tal-akkuzi (b) u (c) u (k) u tilliberah minnhom issib lill-istess akkuzat hati talli nhar il-23 ta' Marzu 1997 fi Triq Dicembru 13, Marsa ghall-habta tal-11.30 a.m.

i) Hebb kontra Ahmed Bounouder sabiex jingurja jew idejjqu jew jaghmillu hsara.

ii) Hedded bi kliem lil Ahmed Bounouder.

iii) Qal kliem oxxen li jikkonsisti f'dagha.

iv) Ikkaguna hsara ta' anqas minn LM10 (ghaxar liri maltin).

v) Kiser il-paci pubblika b'ghajjat u glied.

Kif ukoll talli nhar il-24 ta' Marzu 1997 gewwa l-ghassa tal-Hamrun ghall-habta tas-1.00 pm:

vi) Attakka u ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra l-persuna ta' PS 1283 Carmelo Costa u b'hekk ikkaguna ferita ta' natura hafifa skond kif iccertifika Dr Vella Baldacchino MD liema ufficjal hu inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku fil waqt li kien qed jagixxi ghal esekuzzjoni tal-ligi.

vii) Hedded lil PS 1283 Carmelo Costa bi kliem.

U dan skond l-Artikoli 339 (d) (e) (bb) (dd), 342, 325 (d) tieni proviso, 94 (1), 95, 96 u 221 tal-Kodici Kriminali

In rigward piena, hu minnu li l-akkuzat ghandu fedina penali mill-ghar. Pero jidher ukoll li dawn l-incidenti ma kellhomx konsegwenzi gravi.

Ghalhekk il-piena ta' prigunerija ma jidhirx li hi rakkommandabbli f'dan il-kaz u minflok, b'applikazzjoni tal-artikolu 21 tal-Kodici Kriminali, ghandha tigi applikata piena pekunjarja adatta ghall-istess kaz tenut kont ukoll li ma ingiebet l-ebda prova dwar dak li jinghad fl-akkuza (k).

Ghal dawn il-motivi il-Qorti tikkundanna lill-akkuzat ghal piena ta' LM350 (tlett mija u hamsin lira maltin) bhala multa.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------